



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

26 ta' Mejju 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Taqsima XVII — Tagħmir tat-trasport — Kapitolu 87 — Vetturi bil-mutur, tratturi, roti u vetturi oħra li jintużaw fuq l-art, b'cejjeċ u aċċessorji tagħhom — Intestaturi 8703 u 8713 — Vetturi bil-mutur tal-elettriku li jaħdem bil-batterija — Kunċett ta' 'persuni b'diżabbiltà'”

Fil-Kawża C-198/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (awla tat-taxxa), ir-Renju Unit], permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2015, fil-proċedura

Invamed Group Ltd,

Invacare UK Ltd,

Days Healthcare Ltd,

Electric Mobility Euro Ltd,

Medicare Technology Ltd,

Sunrise Medical Ltd,

Invacare International SARL

vs

Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tal-Awla, A. Borg Barthet u E. Levits (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Invamed Group Ltd, Invacare UK Ltd, Days Healthcare Ltd, Electric Mobility Euro Ltd, Medicare Technology Ltd, Sunrise Medical Ltd u Invacare International SARL, minn G. Gillham, tax adviser, assistit minn J. White, barrister,
- għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,
- għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Simmons, bħala aġent, assistita minn K. Beal, QC,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Flynn u A. Caeiros, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-intestaturi 8703 u 8713 tan-Nomenklatura Magħquda (iktar 'il quddiem in-“NM”) li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [...] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004 (ĠU 2004, L 327, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Nru 2658/87”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Invamed Group Ltd, Invacare UK Ltd, Days Healthcare Ltd, Electric Mobility Euro Ltd, Medicare Technology Ltd, Sunrise Medical Ltd u Invacare International SARL u, min-naħa l-oħra, il-Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs (amministrazzjoni tat-taxxa u tad-dwana, iktar 'il quddiem l-“amministrazzjoni fiskali”), dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' scooters ta' mobbiltà li jaħdmu bl-elettriku.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 In-NM, stabbilita bir-Regolament Nru 2658/87, hija bbażata fuq is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u l-kodifikazzjoni ta' oġġetti, imfassla mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana, u stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika[zzi] ta' Oġġetti u l-Protokoll li jemendaha, konklużi fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE, tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288). In-NM tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt ċifri mis-sistema armonizzata, filwaqt li huma biss is-seba' u t-tmien ċifri li joħolqu subdivizzjonijiet li huma speċifiċi għaliha.

- 4 L-ewwel parti tan-NM tinkludi serje ta' dispożizzjonijiet preliminari. F'din il-parti, taħt it-Taqsima I, li tikkonċerna r-regoli ġenerali, is-Sezzjoni A, intitolata "Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-[NM]", tipprovd:

"Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-[NM] għanda tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titoli tat-taqsimiet, kapitoli u subkapitoli huma maħsubin għall-ħeffa ta' referenza biss; għal għanijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skond it-termini ta' l-intestaturi u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitolu relattiv u, sakemm dawn l-intestaturi jew in-noti ma jkunux jeħtieġu mod ieħor, skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

[...]"

- 5 It-tieni parti tal-NM tinkludi t-Taqsima XVII, intitolata "Vetturi, biċċiet ta' l-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat [Tagħmir tat-trasport]", li tinkludi l-Kapitolu 87, intitolat "Vetturi ħlief magni u vaguni (rolling-stock) ta' ferroviji jew linji tat-tramm; u bċejjeċ u aċċessorji tagħhom" [Vetturi bil-mutur, tratturi, roti u vetturi oħra li jintużaw fuq l-art, bċejjeċ u aċċessorji tagħhom], li jinkludi b'mod partikolari l-intestaturi tariffarji segwenti:

"8703 Karozzi bil-mutur u vetturi oħrajn bil-mutur prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni (ħlief dawk ta' titlu 8702), inklużi *station wagons* u karozzi tat-tlielaq:

8703 10 – Vetturi maħsubin apposta għal ivjaġġar fuq is-silġ; karozzi tal-golf u vetturi simili:

8703 10 11 – – Vetturi maħsubin apposta għa; [għal] ivjaġġar fuq is-silġ, b'magna li titqabbad b'kompresjoni b'pistuni b'kombustjoni interna (dijżil jew semi-dijżil), jew b'magna li titqabbad bi xrara b'pistuni b'kombustjoni interna

8703 10 18 - - Oħrajn

[...]

8713 Vetturi għall-ġarr ta' persuni b'diżabbiltà, immotorizzati jew le jew immexxijin b'mod ieħor mekkaniku:

8713 10 00 – Mhux immexxijin b'mod mekkaniku

8713 90 00 – Oħrajn"

- 6 Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) u l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2658/87, il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta noti ta' spjega tan-NM, li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

- 7 Fl-4 ta' Jannar 2005, it-test segwenti ddaħħal fin-noti ta' spjega tan-NM bil-għan li din tal-aħħar tiġi applikata b'mod uniformi (ĠU 2005, C 1, p. 3):

"8713 Vetturi għall-ġarr ta' persuni b'diżabbiltà, immotorizzati jew le jew immexxijin b'mod ieħor mekkaniku

8713 90 00 Oħrajn

Vetturi mmotorizzati ddisinjati għal persuni b'diżabbiltà jintgħarfu minn vetturi ta' titlu 8703 prinċipalment minħabba li huma għandhom:

- veloċità massima ta' 10 km fis-siegħa, jiġifieri pass tal-mixi mgħaġġel;
- wisa' massima ta' 80 cm;
- 2 settijiet ta' roti li jmissu l-art;
- fatturi speċjali biex itaffu d-diżabbiltà (pereżempju, support għas-sieq biex jistabilizzaw is-saqajn).

Vetturi bħal dawn jistgħu jkollhom:

- sett addizzjonali ta' roti (anti-tips);
- stering u kontrolli oħrajn (pereżempju, *joystick*) li huma faċli biex timmanipulahom; kontrolli bħal dawn is-soltu jkunu mwaħħlin ma' waħda mis-supporti ta' l-idejn; huma qatt ma jkunu fil-forma ta' kolonna ta' l-istering aġġustabbli, separata.

Dan is-subtitlu jinkludi vetturi misjuqin b'mod elettriku simili għal siġġijiet bir-roti (*wheelchairs*) li huma biss għat-trasport ta' persuni b'diżabbiltà. Dawn jistgħu jkollhom id-dehra li ġejja:



Madanakollu, skuters misjuqin b'motur (skuters għal mobilità) mgħammrin b'kolonna ta' l-istering aġġustabbli huma esklużi minn dan is-subtitlu. Huma jistgħu jkollhom id-dehra li ġejja u huma klassifikati f'titlu 8703:



”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 8 Bejn l-2004 u l-2007, ir-rikorrenti għamlu dikjarazzjonijiet ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera għal ċerti scooters ta' mobbiltà (mobility scooter) importati fir-Renju Unit. Dawn l-iscooters ġew iddikjarati fl-intestatura 8713 tan-NM bħala "vetturi għall-ġarr ta' persuni b'diżabbiltà, immotorizzati jew le jew immexxijin b'mod ieħor mekkaniku". Skont il-klassifikazzjoni taħt din l-intestatura, dawn l-iscooters ġew irrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera mingħajr ma nġabru dazji doganali u permezz tal-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ fuq l-importazzjoni b'rata mnaqqsa.
- 9 Wara kontroll fiskali, l-amministrazzjoni fiskali kklassifikat l-imsemmija scooters taħt l-intestatura 8703 tan-NM bħala "karozzi bil-mutur u vetturi oħrajn bil-mutur prinċipalment maħsubin għat-trasport ta' persuni (ħlief dawk ta' titlu 8702), inklużi *station wagons* u karozzi tat-tlielaq".
- 10 Bejn l-24 ta' April 2007 u t-3 ta' Lulju 2008, l-amministrazzjoni fiskali ħarġet aġġustamenti lill-imsemmija kumpanniji li jikkorrispondu għad-dazji doganali u għat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ relatati mal-merkanzija inkwistjoni għal ammont totali ta' GBP 6 479 007 (bejn wieħed u ieħor EUR 9 114 450).
- 11 Ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra d-deċiżjonijiet ta' aġġustament quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (awla tat-taxxa), ir-Renju Unit]. Huma jsostnu li l-iscooters kontenzjużi għandhom jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 8713 tan-NM, għar-raġuni, b'mod partikolari, li t-termini "għall-[...] persuni b'diżabbiltà" ta' din l-intestatura ma jfissrux "esklużivament għall-[...] persuni b'diżabbiltà".
- 12 Skont il-qorti tar-rinviju, l-imsemmija scooters li jaħdmu bl-elettriku jitmexxew b'muturi tal-elettriku li jaħdmu bil-batterija. Kull mudell għandu l-komponenti li ġejjin: post bilqiegħda għal persuna (li huwa usa u kkuttunat b'mod iktar lussuż fl-ikbar mudelli ta' scooters), manubriju b'lieva ta' kontroll *wig wag*, pjattaforma li torbot ir-roti ta' quddiem u ta' wara u li tippermetti li wieħed jitla' fuq l-iscooter u li fuqha jqiegħed saqajh waqt vjaġġ, u erba' roti (tnejn fuq wara u tnejn fuq quddiem) jew tliet roti (tnejn fuq wara u waħda fuq quddiem). Il-parti l-kbira tal-postijiet bilqiegħda għandhom braċċjali li jistgħu jiċċaqilqu u li huma aġġustabbli u diversi postijiet bilqiegħda jistgħu jiġu jittellgħu u jitniżżlu kif ukoll jiddawru bi 360 grad.
- 13 Il-qorti tar-rinviju titlaq mill-prinċipju li provi sinjifikattivi jimmilitaw favur il-klassifikazzjoni tal-iscooters inkwistjoni taħt l-intestatura 8713 tan-NM. Madankollu, hija tesprimi dubji dwar tali klassifikazzjoni.
- 14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) [qorti tal-ewwel istanza (awla tat-taxxa)] iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-kelmiet 'għall-[...] persuni b'diżabbiltà' ifissru 'biss' għal persuni b'diżabbiltà?

2) Liema huwa s-sens tal-kelmiet 'persuni b'diżabbiltà', b'mod partikolari:

- a) huma rriżervati għall-persuni li għandhom diżabbiltà flimkien ma' limitazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jimxu jew li jimxu mingħajr diffikultà, jew jinkludu persuni li l-kapaċità tagħhom li jimxu jew li jimxu mingħajr diffikultà biss hija limitata?
- b) il-kelmiet 'persuni b'diżabbiltà' jimplikaw li l-limitazzjoni tal-kapaċità ma hijiex sempliċement margġinali?
- c) limitazzjoni temporanja ta' kapaċità, li pereżempju tirriżulta minn sieq miksura, tista' tikkostitwixxi diżabbiltà?

3) In-Noti ta' spjega għan-NM tal-4 ta' Jannar 2005, sa fejn jeskludu l-vetturi bil-mutur magħmmra b'lieva ta' direzzjoni distinta u aġġustabbli ('scooters'), ibiddu s-sens tal-intestatura 8713?

- 4) Il-possibbiltà li vettura tintuża minn persuna mingħajr diżabbiltà għandha impatt fuq il-klassifikazzjoni tariffarja, jekk jista' jiġi kkonstatat li l-imsemmija vettura għandha karatteristiċi speċjali li jtaffu l-effetti ta' diżabbiltà?
- 5) Jekk l-adegwatezza għal użu minn persuni mingħajr diżabbiltà tikkostitwixxi kunsiderazzjoni rilevanti, sa fejn l-inkonvenjenzi ta' tali użu għandhom ukoll ikunu rilevanti sabiex tiġi ddeterminata din l-adegwatezza?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba' domandi

- 15 Permezz tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-intestatura 8713 tan-NM għandhiex tiġi interpretata fis-sens li t-termini "għall-[...] persuni b'diżabbiltà" ifissru li l-prodott huwa intiż biss għall-persuni b'diżabbiltà, jekk il-fatt li vettura tista' tintuża minn persuna mingħajr diżabbiltà huwiex irrilevanti għall-klassifikazzjoni ta' din il-vettura fl-intestatura 8713 tan-NM u jekk, meta ssir din il-klassifikazzjoni, in-noti ta' spjega tan-NM humiex ta' natura li jbiddu l-portata tal-intestatura 8713 tan-NM.
- 16 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar, minn naħa, li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha quddiemha rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar il-klassifikazzjoni tariffarja, ir-rwol tagħha huwa li tagħti kjarifika lill-qorti nazzjonali dwar il-kriterji li permezz tagħhom il-qorti nazzjonali tkun tista' tikklassifika b'mod korrett il-prodotti inkwistjoni fin-NM, iktar milli li tikklassifikahom hija stess, u dan iktar u iktar peress li hija ma għandhiex neċessarjament l-elementi indispensabbli kollha f'dan ir-rigward. Għalhekk, jidher li l-qorti nazzjonali fi kwalunkwe każ tinsab f'pożizzjoni aħjar sabiex tagħmel dan (sentenzi tas-7 ta' Novembru 2002, Lohmann u Medi Bayreuth, C-260/00 sa C-263/00, EU:C:2002:637, punt 26, u tas-16 ta' Frar 2006, Proxxon, C-500/04, EU:C:2006:111, punt 23).
- 17 Madankollu, sabiex din tal-aħħar tingħata risposta utli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi spirtu ta' kooperazzjoni mal-qorti nazzjonali, tipprovdiha l-indikazzjonijiet kollha li tqis li huma neċessarji (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Lecson Elektromobile, C-12/10, EU:C:2010:823, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 18 Barra minn hekk, għandu jittfakkar, min-naħa l-oħra, li, skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandu jifittex, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi tagħha u fil-kwalitajiet oġġettivi tagħha, kif iddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsimiet jew tal-kapitoli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2004, DFDS, C-396/02, EU:C:2004:536, punt 27; tal-15 ta' Settembru 2005, Intermodal Transports, C-495/03, EU:C:2005:552, punt 47; u tal-15 ta' Frar 2007, RUMA, C-183/06, EU:C:2007:110, punt 27).
- 19 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li n-noti ta' spjega mfassla mill-Kummissjoni jikkontribwixxu b'mod sinjifikattiv għall-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr madankollu ma huma legalment vinkolanti (sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2006, Turbon International, C-250/05, EU:C:2006:681, punt 16, u tal-20 ta' Mejju 2010, Data I/O, C-370/08, EU:C:2010:284, punt 30).
- 20 Konsegwentement, il-kontenut tan-noti ta' spjega għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tan-NM u ma jstax ibiddel il-portata tagħhom (ara s-sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, Metherma, C-403/07, EU:C:2008:657, punt 48).

- 21 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, f'dak li jirrigwarda l-intestaturi 8703 u 8713 tan-NM, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li mit-titolu stess tal-imsemmija intestaturi jirriżulta li d-differenza bejniethom tirrigwarda l-fatt li l-ewwel waħda tkopri l-mezzi ta' trasport għall-persuni inġenerali, filwaqt li t-tieni waħda tapplika speċifikament għall-mezzi ta' trasport għall-persuni b'diżabbiltà (ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Lecson Elektromobile, C-12/10, EU:C:2010:823, punt 18).
- 22 L-użu li għalih huwa intiż il-prodott jista' jikkostitwixxi kriterju oġġettiv ta' klassifikazzjoni sa fejn dan huwa inerenti għall-imsemmi prodott, u din in-natura inerenti għandha tkun tista' tiġi evalwata skont il-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-1 ta' Ġunju 1995, Thyssen Haniel Logistic, C-459/93, EU:C:1995:160, punt 13, tal-5 ta' April 2001, Deutsche Nichimen, C-201/99, EU:C:2001:199, punt 20, u tat-18 ta' Lulju 2007, Olicom, C-142/06, EU:C:2007:449, punt 18).
- 23 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fil-kawża prinċipali, jekk il-vettura kontenzjuża hijiex intiża, fid-dawl tal-karatteristiċi tagħha u tal-proprjetajiet oġġettivi tagħha, sabiex tintuża speċifikament minn persuni b'diżabbiltà, liema użu għandu jiġi kkwalfikat bħala "użu prinċipali jew loġiku" ta' vetturi ta' dan it-tip.
- 24 Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni, il-klassifikazzjoni tariffarja tiegħu inkunsiderazzjoni mhux l-użu possibbli, iżda biss l-użu previst, evalwat abbażi tal-karatteristiċi u tal-proprjetajiet oġġettivi tal-prodott fid-data tal-importazzjoni tiegħu.
- 25 Barra minn hekk, għandu jifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-intestatura 8703 tal-NM, li l-fatt li vetturi elettriċi jistgħu jintużaw, skont il-każ, minn persuni b'diżabbiltà, jew anki jistgħu jiġu adattati għall-użu minn dawn tal-aħħar, huwa irrilevanti għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' tali vetturi fl-intestatura 8703 tan-NM, fid-dawl tal-fatt li huma adatti għall-eżerċizzju ta' diversi attivitajiet oħra mwettqa minn persuni li ma jbatu minn ebda diżabbiltà, iżda li, għal xi raġuni jew oħra, jippreferu trasport ieħor għajr il-mixi għal distanzi qosra, jew bħall-persuni li jilagħbu l-golf, jew bħal persuni li jagħmlu x-xirja (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Lecson Elektromobile, C-12/10, EU:C:2010:823, punt 25).
- 26 Dan ir-raġunament jikkonferma, *a contrario*, li l-fatt li l-vetturi kontenzjużi fil-kawża prinċipali jistgħu jintużaw, skont il-każ, minn persuni mingħajr diżabbiltà, huwa irrilevanti għall-klassifikazzjoni tariffarja ta' tali vetturi fl-intestatura 8713 tan-NM, fid-dawl tal-fatt li dawn il-vetturi ma humiex adatti, minħabba l-użu inizjali li għalihom huma intiżi, għal persuni oħra li ma jbatux minn diżabbiltà.
- 27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel, għat-tielet u għar-raba' domandi għandha tkun li l-intestatura 8713 għandha tiġi interpretata fis-sens li:
- it-termini "għall-[...] persuni b'diżabbiltà" ifissru li l-prodott huwa intiż biss għall-persuni b'diżabbiltà;
 - il-fatt li vettura tista' tintuża minn persuni mingħajr diżabbiltà huwa irrilevanti għall-klassifikazzjoni ta' din il-vettura fl-intestatura 8713 tan-NM;
 - in-noti ta' spjega tan-NM ma humiex ta' natura li jbiddu l-portata tal-intestaturi tariffarji tan-NM.
- Fuq it-tieni domanda*
- 28 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-termini "persuni b'diżabbiltà", imsemmija fl-intestatura 8713 tan-NM, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jindikaw biss il-persuni milquta mhux biss b'limitazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jimxu iżda wkoll b'limitazzjonijiet oħra, u jekk din il-limitazzjoni tal-kapaċità tistax tkun marġinali jew temporanja.

- 29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-termini "persuna b'diżabbiltà" ma humiex iddefiniti fir-Regolament Nru 2658/87.
- 30 Għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Taljan, it-termini "persuni b'diżabbiltà" li jinsabu fl-intestatura 8713 tan-NM ma jistgħux ikunu identiċi għat-terminu "diżabbiltà" fis-sens tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).
- 31 Fil-fatt, wara r-ratiffika mill-Unjoni Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li ġiet approvata fisem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2010/48/KE, tas-26 ta' 7 Novembru 2009 (ĠU 2010, L 23, p. 35), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kunċett ta' "diżabbiltà", fis-sens tad-Direttiva 2000/78, għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal limitazzjoni, li tirriżulta b'mod partikolari minn defiċjenzi għal perijodu twil ta' natura fiżika, mentali jew psikika, li flimkien ma' diversi ostakoli tista' tkun ta' xkiel għall-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tal-persuna kkonċernata fil-ħajja professjonali fuq bażi ugwali mal-ħaddiema l-oħra (ara s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2004, FOA, C-354/13, EU:C:2014:2463, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Għalhekk, it-termini "persuni b'diżabbiltà" użati fl-intestatura 8713 tan-NM għandu jkollhom portata iktar iffokata, li tirriżulta minn interpretazzjoni awtonoma tad-dritt tal-Unjoni li tiegħu inkunsiderazzjoni l-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tfittex li tilħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 1984, Ekro, 327/82, EU:C:1984:11, punt 11, u tad-9 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-323/03, EU:C:2006:159, punt 32).
- 33 F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li l-vetturi li għalihom tirreferi l-intestatura 8713 huma maħsuba sabiex iservu ta' għajjnuna għall-persuni milquta b'limitazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jimxu, li tista' tiġi kkwalifikata, min-natura tagħha, bħala "mhux marġinali". Kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, l-użu li għalih huma intiżi dawn il-vetturi ma huwiex dipendenti minn fatturi limitattivi oħra bħall-preżenza ta' ċerti karatteristiċi fiżiċi jew mentali tal-persuni li għalihom ġew maħsuba l-imsemmija vetturi. Bl-istess mod, it-tul ta' din il-limitazzjoni tal-kapaċità ma huwiex speċifikat u, għalhekk, għandu jitqies li huwa irrilevanti. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni teleoloġika ta' għajjnuna għall-mixi timplika neċessarjament li din l-għajjnuna tista' tkun limitata fiż-żmien.
- 34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li t-termini "persuni b'diżabbiltà", imsemmija fl-intestatura 8713 tan-NM, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jindikaw il-persuni milquta b'limitazzjoni mhux marġinali tal-kapaċità tagħhom li jimxu, filwaqt li t-tul ta' din il-limitazzjoni u l-eventwali preżenza ta' limitazzjonijiet oħra ta' kapaċitajiet huma irrilevanti.

Fuq il-ħames domanda

- 35 Fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel, għat-tielet u għar-raba' domandi, ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ħames domanda.

Fuq l-ispejjeż

³⁶ Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **L-intestatura 8713 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [...], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1810/2004, tas-7 ta' Settembru 2004, għandha tiġi interpretata fis-sens li:**
 - **it-termini “għall-[...] persuni b'diżabbiltà” ifissru li l-prodott huwa intiż biss għall-persuni b'diżabbiltà;**
 - **il-fatt li vettura tista' tintuża minn persuni mingħajr diżabbiltà huwa irrilevanti għall-klassifikazzjoni ta' din il-vettura fl-intestatura 8713 tal-imsemmija nomenklatura magħquda;**
 - **in-noti ta' spjega tal-istess nomenklatura magħquda ma humiex ta' natura li jbiddu l-portata tal-intestaturi tariffarji ta' din l-istess nomenklatura magħquda.**
- 2) **It-termini “persuni b'diżabbiltà”, imsemmija fl-intestatura 8713 tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament Nru 1810/2004, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jindikaw il-persuni milquta b'limitazzjoni mhux marġinali tal-kapaċità tagħhom li jimxu, filwaqt li t-tul ta' din il-limitazzjoni u l-eventwali preżenza ta' limitazzjonijiet oħra ta' kapaċitajiet huma irrilevanti.**

Firem